# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 786/22/2 DC**

**MGM Properties Limited (C-84557)**

**v.**

**David Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar it-18 ta' Settembru, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet tagħha sabiex jiġi onorat konvenju billi jiġi ppubblikat kuntratt għat-trasferiment ta' proprjetà *airspace* fuq blokka, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-29 ta' Awwissu, 2022, il-kumpanija attriċi fissret li fl-10 ta' Ġunju, 2021 il-konvenut obbliga ruħu li jbiegħ il-proprjetà *airspace* fuq il-blokka bin-numru 18, bl-isem 'Porchester', fi Triq l-Għollieq, il-Mosta, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha.

3. Il-kumpanija attriċi tgħid li sejħet lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali biex jersaq għall-att finali iżda kien kollu ta' xejn. Minħabba f'hekk, fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-att finali ta' trasferiment wara konvenju datat 10 ta' Ġunju 2021 fejn il-konvenut obbliga ruħu illi jbiegħ il-proprjetà airspace fuq il-blokka uffiċjalment innumerata bin-numru tmintax (18), bl-isem "Porchester", fi Triq l-Għollieq, Mosta libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha;*
>
> *2. Tiffissa ġurnata u ħin meta għandu jsir il-kuntratt inkwistjoni;*
>
> *3. Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi għall-kontumaċja fin-nuqqas ta' attendenza tal-konvenuti jew min minnhom fuq l-istess kuntratt finali.*
>
> *Bl-ispejjez inkluż dawk tal-ittri uffiċjali numru 3145/22 u l-konvenut inġunt in subizzjoni.»*

4. Fis-seduta tal-25 ta' April, 2023, l-Ewwel Qorti ddikjarat lill-konvenut bħala kontumaċi għaliex ma daħħalx risposta maħlufa.

5. B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Settembru, 2023, l-Ewwel Qorti

ċaħdet it-talbiet kollha attriċi, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*«Ikkunsidrat*

*Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li l-kontumaċja mhix ammissjoni, anzi u bil-kuntrarju, il-kontumaċja għandha titqies li hija kontestazzjoni. Dan il-prinċipju ġie ribadit fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2004 fil-kawża fl-ismijiet Helen sive Nellie Miceli vs Carmelo sive Charles Pisani minn din il-Qorti kif diversament preseduta:*

> *... kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma.*

*Illi dan ifisser li s-soċjetà attriċi xorta trid tissodisfa l-oneru impost fuqha u tipprova t-talbiet tagħha fil-grad rikjest mil-Liġi.*

*Ikkunsidrat*

*Illi in sostenn tat-talbiet attriċi xehed Charles Bianco[1], direttur tas-soċjetà attriċi. Huwa spjega li tramite aġent kien ra il-propjetà in eżami, ossia l-arja fuq proprjetà ġa mibnija, u għamel konvenju mal-konvenut biex jixtri din l-arja. Ix-xhud jgħid li meta waslu biex isir il-kuntratt in-nutar beda jipprova jikkomunika mal-konvenut diversi drabi imma ma sarx kuntatt; intbagħtet ukoll ittra uffiċjali biex l-konvenut jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ix-xhud spjega li meta kienu qed isiru ir-riċerki saru jafu li kien hemm xi ipoteki fuq il-propjetà però din ma kinitx problema għas-soċjetà attriċi għaliex huma kienu disposti li jħallsu l-krediti koperti bl-ipoteki mill-prezz tal-arja li kienu ser jixtru; huma anke għamlu proposta f'dan is-sens lill-konvenut. Ix-xhud kompla jispjega li s-soċjetà attriċi "xtrat" bil-patt li tibni l-arja u kienet diġà daħlet f'konvenji ma' terzi; fi kliemu: "aħna konna diġà għamilna l-ftehim, jiġifieri għandi l-konvenji qegħdin hawn tan-nies, u reġistrati kollha".*

*Illi minbarra x-xhieda ta' Charles Bianco s-soċjetà attriċi ppreżentat:*

- *Kopja mhux awtentikata tal-konvenju[2]; minn dan id-dokument jirriżulta li l-ftehim sar quddiem in-Nutar Michael Laferla f'l-10 ta' Ġunju 2021 bejn il-konvenut u s-soċjetà attriċi rappreżentata mix-xhud Charles Bianco. Il-konvenju kien validu sad-29 ta' Lulju 2022.*

[1] *Depożizzjoni a fol. 51*
[2] *Dok A a fol. 4*

• *Kopja legali ta' ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju 2022[3] permezz ta' liema s-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenut sabiex jaddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt bi twettiq tal-konvenju. Mir-riferti jirriżulta wkoll li l-konvenut ma ġiex notifikat b'din l-ittra uffiċjali.[4]*

*Ikkunsidrat*

*Illi biex l-azzjoni tentata mis-soċjetà attriċi tirnexxi u l-konvenju ffirmat fl-10 ta' Ġunju 2022 jitwettaq permezz tal-pubblikazzjoni ta' att ta' bejgħ huwa essenzjali li jintwera li dan il-konvenju huwa wieħed validu skont dak li jirrikjedu l-liġijiet relevanti.*

*Illi l-validità ta' konvenju hija regolata primarjament mill-Kodiċi Ċivili però tiddependi wkoll fuq ir-reġistrazzjoni tiegħu mal-Kummissarju tat-Taxxi. L-artikolu 3(6) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta[5] jipprovdi li:*

> *Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' kull proprjetà immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha, ma jkunx validu jekk avviż tiegħu ma jkunx ingħata lill-Kummissarju fi żmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet, li jistgħu jiġu stabbiliti. Dan l-avviż għandu jingħata flimkien ma' ħlas ta' taxxa provviżorja ekwivalenti għal għoxrin fil-mija tal-ħlas tat-taxxa li jkollha titħallas....[6]*

*Illi mbagħad ir-regolament 10 ta' l-Avviż Legali 98 tas-sena 1993[7] jipprovdi li:*

> *(1) Il-persuna li qed titrasferixxi jew il-persuna li qed tirċievi fuq wegħda ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli jew ta' xi dritt reali fuqha għandu jagħti l-avviż imsemmi fl-artikolu 3(6) tal-Att, ...*
>
> *(2) L-avviż għandu jsir ... ... fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-data meta ssir il-wegħda ta' bejgħ jew wegħda ta' trasferiment u l-pagament relattiv tat-taxxa provviżorja għandu jsir fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data meta tingħata l-approvazzjoni mill-Uffiċċju tal-Kummissarju jew wieħed u għoxrin (21) jum mid-data meta ssir il-wegħda ta' bejgħ jew wegħda ta' trasferiment, skont liema data sseħħ l-aħħar*

*Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet huwa ċar li r-reġistrazzjoni tal-konvenju hija neċessarja ad validitatem b'mod li mingħajr r-reġistrazzjoni tiegħu l-konvenju ma jibqagħlu l-ebda effett legali, prinċipju li ġie affermat mill-Qrati tagħna tul is-snin. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet Bartholomeo Bonett et vs George Borg et fl-1 ta' Lulju 2020 intqal li:*

---

[3] *Dok ITT a fol 57. Jiġi rilevat li mar-rikors promotur ġiet preżentata kopja informali ta' din l-ittra uffiċjali (Dok B a fol 7). Id-data f'din il-kopja informali hija żbaljata (20 ta' Lulju 2022) għaliex kif ingħad mill-kopja legali jirriżulta li l-ittra iet preżentata fis-26 ta' Lulju 2022.*
[4] *Għandu jiġi rilevat li mill-atti jidher li n-nota tas-soċjetà attriċi permezz ta' liema preżentat il-kopja legali tal-ittra uffiċjali baqgħet ma ġietx notifikata lill-konvenut. Dan il-fatt mhux ostakolu għall-prolazzjoni tas-sentenza anke tenut kont tal-kontumaċja tal-konvenut*
[5] *L-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti*
[6] *Is-sottolinear huwa tal-Qorti.*
[7] *Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (LS 364.06).*

*Darba li l-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni hija waħda assolutament meħtieġa ad validitatem, l-ebda ftehim dwar trasferiment ta' immobbli mingħajr dan l-avviż debitament reġistrat fiż-żmien mogħti fil-liġi ma jista' jibqagħlu effett legali (ara f'dan is-sens is-sentenza Mary Jane Sciberras v. Franco Sciberras et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014);*

*Din il-qorti kif impoġġija, diġà tenniet fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mojca Żammit Briffa v. Ivan Vella et, deċiża fl-14 ta' Marzu, 2022, li jekk ma jingħata l-ebda avviż tal-konvenju lill-Kummissarju tat-Taxxi bil-mod u fiż-żmien li tgħid il-liġi, il-konvenju jitqies bħala mhux validu u għalhekk null.*

*Illi fis-sentenza mogħtija f'din l-istess kawża mill-Qorti tal-Appell[8] ukoll intqal li*

*... ... **u darba hemm wegħda ta' trasferiment ta' dritt reali, dik l-iskrittura kellha tiġi reġistrata u t-taxxa provviżorja mħallsa kif trid il-liġi**. Fejn tidħol materja tal-erarju, il-liġi trid tiġi segwita rigorożament u t-taxxa dovuta trid titħallas, anke jekk dak li jkun iqis l-liġi bħala skomda għalih. Hawn non si tratta biss minn kawża illeċita, li tolqot l-interess tal-partijiet, iżda fuq kollox l-interess tal-istat li jrid li kull wegħda ta' trasferiment ta' dritt reali tiġi reġistrata u t-taxxa dovuta mħallsa. ... ... ...*

***... u issa darba li l-atturi qed jitolbu li jiġi enforzat dak il-ftehim, is-siwi tiegħu jrid jiġi mistħarreġ. Darba jirriżulta li dak li trid il-liġi ma sarx, il-konvenju ossia wegħda jitqies mhux validu**.[9]*

*Ikkunsidrat*

*Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax jekk il-konvenju, li t-twettiq tiegħu qed jintalab permezz tal-proċeduri odjerni, ġiex reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi għaliex ma nġiebet l-ebda prova fir-rigward. Ix-xhud Bianco jagħmel aċċenn għal reġistrazzjoni biss b'referenza għall-konvenji li saru ma' terzi għall-bejgħ tal-proprjetà li kellha tiġi żviluppata. M'hemm l-ebda aċċenn għar-reġistrazzjoni tal-konvenju in eżami, wisq anqas inġiebet xi prova dwar l-istess.*

*Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta' prova ta' reġistrazzjoni tiegħu, il-Qorti ma tistax tqies il-konvenju bħala wieħed validu u konsegwentement it-twettiq tiegħu ma jistax jiġi ordnat.*

*Għal dawn il-motivi t-talbiet tas-soċjetà attriċi qed jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.»*

6. Il-kumpanija MGM Properties Limited appellat minn din is-sentenza

[8] *Mogħtija fil-25 ta' Jannar 2023 u li kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla.*
[9] *Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti*

b'rikors tal-10 ta' Ottubru, 2023 u talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u ressqet żewġ aggravji, ċjoè: (i) li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqajjem minn jeddha l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-konvenju ladarba l-konvenut ma ressaqx eċċezzjoni bħal dik; u (ii) li l-Ewwel Qorti messha tatha ċ-ċans li tirregola ruħha.  Iżda biex ineħħi kull dubju li dan il-konvenju ġie reġistrat, il-kumpanija attriċi mar-rikors tal-appell tagħha ppreżentat dokument maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi biex issostni li dan il-konvenju kien ġie reġistrat.

7. Il-konvenut baqa' ma ressaq ebda tweġiba għall-appell.

8. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Qabelxejn din il-Qorti tosserva li l-kumpanija appellanti qabdet u hemżet dokument ġdid mar-rikors tal-appell tagħha bla ma talbet li tkun awtorizzata illi tippreżentah. Skont l-**Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ma jistgħu jinġiebu l-ebda dokumenti ġodda flimkien mar-rikors tal-appell ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti.  Għalhekk ladarba l-kumpanija appellanti ma talbitx il-permess

minn din il-Qorti sabiex titħalla tippreżenta dan id-dokument ġdid kif titlob il-liġi, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tordna t-tneħħija tiegħu mill-atti tal-appell (ara f'dan is-sens ukoll ***Rural Properties Limited v. Jessica Carabott*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru, 2023).

10. Dwar il-mertu, permezz tal-**ewwel aggravju**, il-kumpanija appellanti tgħid li filwaqt li huwa minnu li l-kontumaċja hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni, però dan ma jfissirx li f'każ ta' kontumaċja l-attur għandu joqgħod jilqa' għal u jirribatti kull eċċezzjoni immaġinabbli li l-konvenut seta' b'xi mod iressaq. Tissokta tgħid li fil-kontumaċja l-attur għandu jipprova l-każ tiegħu sal-grad tal-probabbli u ladarba ma jistax ikun hemm provi min-naħa tal-konvenut biex jirribatti, il-miżien favur il-probabbli jkun aktar faċli biex jingħeleb għall-attur. Tgħid li jiġi b'hekk li f'każ ta' kontumaċja, għalkemm hija kontestazzjoni, però l-attur m'għandux jiġi f'sitwazzjoni li l-oneru tal-prova imqiegħed fuqu jkun aktar gravuż. Iżżid tgħid li hekk kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet ***Maltacom p.l.c v. Alfred Briffa,*** il-kontumaċja tfisser kontestazzjoni imma mhux kontradizzjoni tal-provi attriċi. Tgħid li r-rappreżentant tagħha xehed bil-ġurament u kkonferma mhux biss il-konvenju iżda wkoll dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, u għalhekk donnu li l-Ewwel Qorti stħajlet inġustament li l-provi mressqa minnu kienu qegħdin jiġu kontestati.

11. Imbagħad permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>**, imressaq mingħajr ħsara għal ta' qablu, il-kumpanija appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata proċeduralment. Dan għaliex ladarba dehrilha li tqajjem din l-eċċezzjoni *ex officio* kien imissha għarrfitha b'dan, tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tagħtiha l-opportunità li tressaq provi u tagħmel sottomissjonijiet hija stess dwar dan il-punt. Iżda tgħid li minn dan kollu ma sar xejn u li kieku sar hekk, ma kienx ikun hemm problema li titressaq il-prova tar-reġistrazzjoni tal-konvenju.

12. Din il-Qorti tqis li l-kumpanija attriċi appellanti għandha raġun sa fejn din qiegħda tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti qabdet u warrbet it-talbiet tagħha minħabba nuqqas ta' prova ta' reġistrazzjoni tal-konvenju li fuqhom sejset it-talbiet tagħha.

13. Huwa veru dak imtenni mill-Ewwel Qorti li f'dan il-każ il-kontumaċja tal-konvenut ma kellhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tiegħu għal dak li kien qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-kumpanija attriċi (ara ***George Busuttil et v. Anthony Vassallo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020) u li allura l-kontumaċja ma kinitx teħles lill-kumpanija attriċi milli tissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li tressaq provi sal-grad almenu ta' probabbiltà u li tressaq l-aħjar prova biex iseddaq dak li qiegħda tallega fil-premessi u fit-talbiet tagħha (ara ***FIMBank p.l.c. v. Almeco Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta'

Ottubru, 2017).

14. B'daqshekk però dan ma jfissirx li għaliex il-konvenut waqa' f'kontumaċja, allura l-Qorti għandha l-jedd li *ex officio* tqajjem kwalunkwe eċċezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem li kieku kkontesta l-kawża (ara ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 1996). Dan hu hekk, minħabba li l-Qorti ma tistax tqajjem eċċezzjonijiet *ex officio* sakemm dawn ma jkunux kwistjonijiet ta' proċedura jew ta' ordni pubbliku (ara ***Joseph Attard v. Silvio Debono nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019; u ***Jamie Schembri v. Lara Investments Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru, 2024).

15. Jgħodd f'dan is-sens l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jaqra hekk:

> *«Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, fil-każijiet fejn il-liġi tippermetti lill-qorti li ex officio tagħti eċċezzjoni mingħajr ma tagħti dik l-eċċezzjoni qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, mingħajr ma tippermetti lill-partijiet li jieħdu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza, u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni, il-qorti m'għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għandha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-qorti bil-miftuħ jew permezz ta' digriet in camera u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-qorti.»*

16. Intqal minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar, 2024 fl-ismijiet ***Carmela sive Carmen Tabone proprio et nomine et v. Francis Theuma*** li: «*is-setgħa tal-Qorti li tqajjem eċċezzjonijiet ex officio*

*hija mogħtija lilha mill-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li fih hemm imfisser li l-Qorti ma tistax tuża din is-setgħa tagħha mingħajr ma tagħti żmien lill-partijiet biex jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjonijiet hekk imqajma qabel tingħata sentenza dwarhom. L-għan wara dan l-artikolu tal-liġi huwa li jiġi evitat li jingħataw sorpriżi lill-partijiet u li jiġi żgurat smigħ xieraq lill-partijiet billi dawn jingħataw il-waqt li jiddefendu ruħhom.»*

17. Ġara issa fil-każ tal-lum, li mingħajr ma kien hemm eċċezzjoni f'dan is-sens min-naħa tal-konvenut għaliex dan kien kontumaċi, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi sabiex il-konvenut jersaq għall-kuntratt ta' bejgħ u xiri u ddeċidiet li fin-nuqqas tal-avviż lill-Kummissarju tat-Taxxi skont ir-**Regolament 10 tar-Regoli dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 346.06)**, il-Qorti ma setgħetx tqis il-konvenju bħala wieħed validu u ma setgħetx tordna t-twettiq tiegħu.

18. Tajjeb li ssir referenza għal dak li ġie miżmum fis-sentenzi ***Mary Zammit et v. Rosemary Gonzi*** tal-31 ta' Ottubru, 2007 u ***Joseph Scicluna et v. Maurice Darmanin et*** tat-30 ta' Novembru, 2007, il-Qorti tal-Appell tenniet li l-appellanti ma setgħux fl-appell tagħhom iqajmu n-nullità tal-konvenju minħabba li ma ngħatax l-avviż skont ir-**Regolament 10 tar-Regoli dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti**, ladarba huma ma kinux qajmu din il-kwistjoni permezz ta' eċċezzjoni formali

quddiem l-Ewwel Qorti u tali kwistjoni ma ġietx deċiża fis-sentenza appellata.

19. Dan l-aħħar ukoll fis-sentenza ***Paul Sammut et v. L-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace et nomine*** deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2024, ingħad li għall-għanijiet tal-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' avviż lill-Kummissarju tat-Taxxi ma tistax titqies li hija waħda li l-Ewwel Qorti setgħet tqajjimha *ex officio* fis-sentenza tagħha, bla ma tippermetti lill-partijiet jieħdu għarfien tagħha, qabel ma tingħata s-sentenza u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u/jew jagħmlu sottomissjonijiet dwarha.

20. Jiġi b'hekk, li l-Ewwel Qorti ma setgħetx minn jeddha taqbad u tqajjem din l-eċċezzjoni dwar ir-**Regolament 10 tar-Regoli dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti** fis-sentenza finali, bla ma tagħti l-opportunità lill-kumpanija attriċi sabiex tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha dwarha.

21. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma tiswiex għaliex hija milquta minn difett li jolqot b'mod ħażin il-jedd ta' smigħ xieraq tal-kumpanija appellanti.

22. B'daqshekk ma jfissirx li t-talbiet kif miġjuba fir-rikors maħluf tal-kumpanija attrċi sejrin jintlaqgħu. Ifisser biss li l-atti sejrin jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex din timxi ma' dak li jgħid l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

23. Fl-aħħar nett dwar l-ispejjeż ta' din il-proċedura, il-Qorti tara li huwa xieraq li timxi fuq il-prinċipju ta' *error iudicis error partis*. Ladarba dan l-appell ġie xprunat minħabba l-mod ħażin kif imxiet l-Ewwel Qorti, huwa xieraq li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell u b'hekk qiegħda tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tisma' u tiddeċidihom mill-ġdid, wara li timxi ma' dak li jgħid l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Kull parti għandha terfa' l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da